

Brussell, 10 ta' Frar 2026
(OR. en, It, hu)

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0344 (COD)

5970/26
ADD 1 REV 1

CODEC 156
ENV 89
CLIMA 45
AGRI 87
FORETS 15
ENER 46
TRANS 45

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2000/60/KE li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma, id-Direttiva 2006/118/KE dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u d-deterjorament u d-Direttiva 2008/105/KE dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma - Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill = Dikjarazzjonijiet

Il-Latvja talbet li d-dikjarazzjoni li ġejja tiddaħħal fil-minuti tal-Kunsill

Il-Latvja **tappoġġa l-proposta tat-test ta' kompromess finali** għal Direttiva dwar Sustanzi ta' Prijorità li temenda d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, id-Direttiva dwar l-Ilma ta' Taħt l-Art u d-Direttiva dwar l-Istandards tal-Kwalità Ambjentali (EQSD).

Huwa fl-interess tal-Latvja li **tissalvagwardja l-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art** mill-impatt ta' sustanzi kimiċi u mikrosustanzi niġġiesa oħra, filwaqt li **tivvaluta l-kwalità kimika tal-ilma** skont l-istandards armonizzati tal-kwalità ambjentali tal-UE. Matul in-negozjati, il-Latvja konsistentement esprimiet appoġġ għall-aġġornament tar-rekwiżiti ta' dawn it-tliet direttivi u impenjat ruħha b'mod kostruttiv u kooperattiv.

Fl-istess ħin, nirrikonoxxu li **t-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni** tal-emendi proposti **ser ikunu kumplessi** u **ser jimponu piżijiet finanzjarji u amministrattivi** sinifikanti fuq l-Istati Membri.

Il-Latvja **tibqa' mħassba dwar l-iskala u l-kost mistennija tal-monitoraġġ**. Ħafna sustanzi prijoritarji tal-EQSD ma jiġux identifikati fl-ilmijiet tagħna bl-użu ta' metodi ta' ttestjar li jissodisfaw l-istandards ta' kwalità meħtieġa, iżda d-Direttiva tkompli tobbliga monitoraġġ regolari ta' dawn is-sustanzi.

Il-Latvja tqis li **l-inklużjoni tal-pestiċidi DDT, para-para DDT u pestiċidi miċ-ċiklodien** fil-lista ta' sustanzi prijoritarji mhijiex ġustifikata, peress li **żżid l-obbligi ta' monitoraġġ mingħajr benefiċċji ambjentali korrispondenti**. Dawn is-sustanzi ilhom ipprojbti mill-użu, u l-bidla proposta fl-istatus tkun teħtieġ kampjunar u ttestjar sostanzjalment aktar frekwenti, u b'hekk jiżdiedu l-kostijiet li nqisu sproporzjonati. Nemmnu li dawn is-sustanzi rilevanti f'ċerti Stati Membri jistgħu minflok jiġu ddeżinjati bħala sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi bi standards ta' kwalità ambjentali fil-livell tal-UE.

Il-Litwanja talbet li d-dikjarazzjoni li ġejja tiddaħħal fil-minuti tal-Kunsill

Il-Litwanja tappoġġa t-test ta' kompromess finali dwar sustanzi prijoritarji fil-qasam tal-politika dwar l-ilma u tilqa' l-objettivi tagħha li ssaħħaħ il-kwalità tal-ilma u l-protezzjoni ambjentali.

Madankollu, filwaqt li nirrikonoxxu l-importanza li jiġu aġġornati l-istandards ta' monitoraġġ u li dawn jiġu allinjati mal-progress xjentifiku, aħna nosservaw li l-implimentazzjoni tista' tirrikjedi sforzi amministrattivi u finanzjarji konsiderevoli fil-livell nazzjonali.

L-Ungerija talbet li d-dikjarazzjoni li ġejja tiddaħħal fil-minuti tal-Kunsill

Nixtiequ niringrazzjaw lill-presidenzi involuti fin-negozjati għall-isforzi u l-ħidma intensiva tagħhom biex jintlaħaq ftehim. Naqblu b'mod ġenerali mal-oġettivi tal-pakkett ta' emendi leġiżlattivi biex tittejjeb il-kwalità tal-ilma u jiġi appoġġat it-test ta' kompromess.

Fl-istess ħin, nixtiequ nfakkru li matul in-negozjati kemm-il darba esprimejna t-tħassib tagħna dwar ir-riżorsi finanzjarji u umani meħtieġa għall-implimentazzjoni, u għalhekk nixtiequ ntenu l-importanza li jiġi stabbilit l-Istrument ta' Monitoraġġ Konġunt mingħajr dewmien. L-Ungerija temmen li r-regoli l-ġodda jistgħu jiġu implimentati b'suċċess biss jekk l-Għodda ta' Monitoraġġ Konġunt tkun disponibbli biex tappoġġa lill-Istati Membri fl-isforzi ta' implimentazzjoni tagħhom.
